MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 252/2012/1

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi tikkoncerna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

Illi prezentement, ir-regim matrimonjali illi jirregola z-zwieg tal-partijiet huwa l-komunjoni tal-akwisti;

Illi anke wara illi bdew il-proceduri ta' separazzjoni mir-rikorrenti kontra l-intimat, huwa baqgha jidhol f'djun gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti, u dan naturalment a detriment taghha;

Illi jinghad illi r-rikorrenti m'hijiex f'posizzjoni illi tkun infurmata dwar kull dejn illi jidhol fih l-intimat;

Illi sakemm tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u konkluza l-kawza ta' separazzjoni tal-partijiet, li jinghad illi ghadha fi stadju bikri, l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi tterminata minnufih u minflok l-partijiet ghandhom jaddottaw is-separazzjoni tal-assi bhala r-regim matrimonjali bejniethom;

Talbet ghar-ragunijiet surriferti li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett immedjat;
2. Tiddikjara illi r-regim matrimonjali illi ghandu japplika bejn il-partijiet huwa s-separazzjoni tal-assi;

Salv kull provvediment iehor illi din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtiha l-fakolta' sabiex f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda, tordna l-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid necessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kap. 16.

Ir-rikorrenti tishaq li m'hemm xejn xi jwaqqaf lil din il-Qorti milli tilqa' t-talba taghha u dan *stante* li hadd mill-partijiet m'hu ser jigi pregudikat. Anzi tghid li huwa biss f'kaz li l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom tibqa' vigenti li ser ikun hemm pregudizzju ghaliha u ghall-familja taghha l-gdida li ghandha.

Min-naha tieghu l-intimat, minkejja li huwa debitament notifikat bir-rikors odjern, jibqa' ma jipprezenta ebda risposta u konsegwentement, il-Qorti ghandha biss quddiema l-provi u x-xiehda hekk kif imressqa mill-istess rikorrenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda tar-rikorrenti datata l-21 ta' Ottubru 2014 u li permezz taghha tiddikjara li l-intimat ghandu dejn kbir ma' terzi kif ukoll problema akuta ta' droga. Issemmi li ghandha van li ghandu bzonn xi tiswijiet u li hu intestat f'isem l-intimat izda minhabba n-numru ta' sekwestri li hemm (inkluz fuq l-istess van), ma tista' taghmel xejn. Issemmi li l-intimat ghandu d-dejn mal-bank u li proprju minhabba s-sitwazzjoni kif inhi, ma tistax tiehu xi self, ma jistax ikollha kont tal-bank (tant li biex issarraf ic-cekk tar-relief ikollha tmur u tiehu l-flus dak il-hin

stess minghajr ma jigi depositat). Tipprezenta wkoll erba’ (4) kopji ta’ mandati ta’ sekwestri differenti li gew intavolati kontra l-intimat minn kredituri differenti. Dawn huma s-segwenti:

1. l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (ara l-mandat ta’ sekwestru bir-referenza numru 602/11) li ntavola mandat abbazi ta’ titolu ezekuttiv ghall-ammont ta’ mitejn, wiehed u hamsin elf, tliet mija u sebgha u sebghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€251,377.65) flimkien mal-imghax riservat[1];

2. Mandat ta’ sekwestru ezekuttiv iehor intavolat minn Eden Entertainment Limited ghall-ammont ta’ elf u hamess mitt Euro (€1500) flimkien mas-somma ta’ mitejn u erbghin Euro (€240) imghax[2];

3. Mandat ta’ sekwestru ezekuttiv intavolat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ammont ta’ tliet elef, seba’ mija u sebgha u ghoxrin Euro (€3727) u

4. Mandat ta’ sekwestru ezekuttiv iehor intavolat minn Go Plc ghall-ammont ta’ tmien mija u zewg Euro u sitta u tmenin centezmu (€802.86) flimkien mal-imghax relattiv.

Illi dak li qed jintalab mir-rikorrenti huwa li l-komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh ghaliex proprju minhabba d-dejn li ghamel l-intimat, ir-rikorrenti ma tistax timxi ‘l quddiem f’hajjitha. Il-Qorti, wara li kkunsidrat il-provi kollha migbura quddiemha, (ghalkemm m’ghandha ebda opposizzjoni jew xi forma ta’ argument kuntrarju jew li jista’ jwassalha ghal xi konkluzjoni differenti), rat illi jidher car li hadd mill-partijiet m’hu ser jigi pregudikat f’kaz li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta minn issa ‘l quddiem.

[1] Ara Dok. AC1 esebit in atti
[2] Ara Dok. AC2 esebit in atti

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici hekk kif dedotta fir-rikors taghha datat l-10 ta' April 2014 u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mil-lum u tiddikjara wkoll illi r-regim matrimonjali bejn il-partijiet mil-lum stess huwa dak tas-separazzjoni tal-assi.

Bl-ispejjez dwar din is-sentenza jigu decizi mas-sentenza finali b'dan li r-rikorrenti ghandha a spejjez taghha tinnotifika b'din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------